**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 313/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roxanne Tabone)**

**vs**

**Kaled Mukthar Ben GAMHUR**

**Illum, 8 ta' Jannar, 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta' **Kaled Mukthar Ben GAMHUR** imwieled il-Libja nhar l-1 ta' Mejju 1979, bin il-mejjet Mokthar u Mary xebba Azzopardi, residenti ġewwa Blk 4, Bieb 9, Flat 2, Triq il-Punent, Valletta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0427000(L), minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-31 ta' Lulju 2023 fil-konfront tiegħu, wara li ġie mixli:

   1. Talli nhar l-10 ta' Lulju 2022 ikkommetta serq ta' *diffuser* ta' kulur abjad għad-detriment ta' Joseph Attard, liema valur ma jeċċedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u li

l-valur huwa ta' sittin ewro (€60), u liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioe` vettura tal-għamla Golf Mark 3 bin-numru ta' reġistrazzjoni JBU 221, liema ammont ta' ħsara huwa iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), li saret għad-dannu ta' Joseph Attard;

3. Talli fil-11 ta' Lulju 2022, bejn it-tlieta u t-tlieta u għoxrin ta' wara nofsinhar ġewwa l-*main carpark* tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ikkommetta serq minn ġewwa vettura tal-għamla Golf Mark 3 bin-numru tar-reġistrazzjoni JBU 221, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-dannu ta' Joseph Attard u/jew persuna/i u /jew ta' xi entita` u/jew entitajiet oħra, liema valur jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), pero` ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u li l-valur huwa ta' sitt mija u tletin ewro (€630);

4. Kif ukoll talli nhar it-12 ta' Settembru 2022 għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar ġewwa l-*parking* tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ikkommetta serq ta' *electric scooter* ta' kulur aħdar għad-detriment ta' Abulikemu Abuduwalisi, liema valur jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), pero` ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u li l-valur huwa ta' ħames mitt ewro (€549), u liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u x-xorta tal-ħaġa misruqa;

5. Kif ukoll talli fl-10 ta' Lulju, fil-11 ta' Lulju u fit-12 ta' Settembru 2022, f'dawn il-gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, u ċioe` diversi oġġetti li jammontaw għal €1239 ġew meħudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara

li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta` tal-vittmi Joseph Attard u Abulikemu Abuduwalisi.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża, kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi, jekk jidhrilha xierqa tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-appellant Kaled Mukthar Ben GAMHUR ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu tlett (3) snin priġunerija.

   Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, poġġiet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna meħtieġa biex jegħleb l-*addiction* tiegħu nkluż kull għajnuna psikoloġika oħra li jinħtieġ, liema Ordni ġie anness mas-sentenza.

   Il-Qorti rrakkomandat illi l-imputat jibda minnufih programm residenzjali sabiex tassew jindirizza fi spazju kontrollat il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin.

Ordnat ukoll li kopja tal-istess sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* skont il-liġi.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant Kaled Mukthar Ben GAMHUR appella minn din is-sentenza u talab illi din il-Qorti "*tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, tvarja l-piena inflitta, billi timponi piena aktar ekwa u gusta għall-fatti speci tal-kaz*".

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

**Ikkunsidrat:**

4. Illi l-uniku aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena inflitta mill-ewwel Qorti. Huwa jsostni illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, b'mod partikolari l-fatt illi r-reati mertu ta' dawn il-proċeduri ġew kommessi minnu fid-dawl tad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, għandu jkun hemm temperament fil-piena. Skont l-appellant, huwa għandu jingħata l-għajnuna meħtieġa sabiex jegħleb dan il-vizzju. Isostni wkoll illi fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti filwaqt illi qieset l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza mistħoqqa lill-aspett riformattiv, biex b'hekk kemm fil-kwalita`, kif ukoll sussidjarjament, fil-kwantita` tagħha, il-piena ma ħolqotx bilanċ bejn dawn l-aspetti diversi. In oltre, ikompli l-appellant, l-ammissjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri, kienet waħda bikrija.

5. Illi jibda biex jingħad illi fis-sentenza tagħha tal-24 ta' April 2003 fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina</u>** il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

Illi dwar dan din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**" deciza fl-14 ta' Gunju, 1999 fejn din il-Qorti kienet qalet illi:-

*"Mhux normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt"*

Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Bilgum and Kucuk Melek**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004* dwar din il-materja, filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede superjuri kif ukoll f'dik inferjuri:

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…*that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle*." Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being**

**merely more than the Court of Appeal itself would have passed.**”[1]

6. Illi fil-każ odjern, mis-sentenza appellata jirriżulta illi, għall-fini ta’ piena, l-ewwel Qorti ħadet in kunsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-appellant, il-fatt illi huwa kkopera mal-awtoritajiet investigattivi, kif ukoll mill-banda l-oħra l-karattru refrattarju tiegħu, illi huwa maħkum mill-vizzju tad-droga, liema vizzju jwasslu sabiex iwettaq reati simili, u taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ.

7. Jirriżulta wkoll mill-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti, illi applikat l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u qieset illi t-tieni imputazzjoni serviet bħal mezz ai fini għat-tielet imputazzjoni, “*bil-piena l-aktar gravi tkun dik kontemplata bl-artikolu 325(a) tal-Kodiċi Kriminali*”. Qieset in oltre illi l-imputat huwa reċidiv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali.

8. Illi kif ingħad, l-appellant ġie akkużat, permezz tal-ewwel, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet, bir-reat ta’ serq aggravat bil-mezz u x-xorta tal-ħaġa misruqa, bir-reat ta’ serq aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix is-somma ta’ elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u bir-reat ta’ serq aggravat bil-valur li ma jeċċedix is-somma ta’ elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa rispettivament. In oltre permezz tat-tieni imputazzjoni, huwa ġie mixli bir-reat ta’ ħsara volontarja ai termini tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u permezz tal-ħames imputazzjoni, bir-reat ta’ riċetazzjoni ta’ diversi oġġetti li jammontaw fil-valur għas-somma ta’ elf, mitejn, disgħa u tletin ewro (€1239) ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali.

9. Illi in kwantu l-ħames imputazzjoni, din kellha tiġi meqjusa bħala alternattiva għall-imputazzjonijiet ta’ serq, tant illi meta wieħed iqis il-valur tal-oġġetti allegatament riċettati fis-somma ta’ elf, mitejn, disgħa u tletin ewro (€1239), dan jammonta għall-valur tal-oġġetti misruqa mertu tal-ewwel, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet (sittin ewro (€60) + sitt mija u tletin ewro (€630) + ħames mija, disgħa u erbgħin ewro (€549)). Minkejja dan, ma tqajjem l-ebda aggravju f’dan is-sens mill-appellant.

[1] Page 1695, para. D23.45

Fir-rigward, madankollu, il-Qorti qed tqis illi ma jidhirx illi l-ewwel Qorti, fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, qieset il-piena għal dan ir-reat meta ġiet biex teroga l-piena.

10. Illi in kwantu għall-piena dwar ir-reati ta' serq, jekk wieħed iqis it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, u allura s-serq aggravat bil-valur li ma jeċċedix is-somma ta' elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, l-Artikolu 278 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

> 1) Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin.
>
> (2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll b'waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija ma tingħatax fil-*minimum* tagħha.
>
> (3) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll bi tnejn jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija tiżdied bi grad u ma tingħatax fil-*minimum* tagħha.[2]

11. Illi f'dan il-każ japplika s-sub-artikolu (3) tal-artikolu fuq ċitat, b'dan għalhekk illi l-piena ta' ħames xhur sa tliet snin priġunerija tiżdied bi grad u ma tingħatax fil-minimu tagħha. Meta miżjuda bi grad, il-piena titla' minn seba' xhur sa erba' snin. Imbagħad applikat l-Artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena li tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-inqas terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu, li f'dan il-każ jammonta għal 13.67[3] jew tlettax-il xahar u għoxrin jum priġunerija, biex b'hekk il-piena titla' minn priġunerija għal żmien tlettax-il xahar u għoxrin jum sa erba' snin.

---

[2] Ara wkoll l-Artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid hekk:

*"Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"valur", ikun akkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", jew bit-tnejn, għandha tingħata l-piena li hemm għas-serq akkumpanjat b'dawk il-kwalifiki:*

*Iżda, jekk din il-piena tkun anqas mill-pieni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandhom jingħataw dawn l-aħħar pieni miżjuda bi grad."*

[3] 48 xahar – 7 xhur = 41 xahar/3 = 13.666-il xahar.

12. Illi jekk imbagħad ir-reati ta' serq jitqiesu bħala reat kontinwat fit-termini tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali[4], kif għamlet l-ewwel Qorti minkejja li l-appellant ma kienx mixli b'din il-forma tar-reat, il-piena tista' tiżdied bi grad jew żewġ gradi u għalhekk bi grad, għal priġunerija għal żmien tmintax-il xahar sa ħames snin, u b'żewġ gradi, għal priġunerija għal żmien sentejn sa sitt snin. Ma' dan, bl-addebitu tar-reċidiva, ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, fil-każ tat-tieni kundanna, il-piena tista' tiżdied bi grad jew tnejn u fil-każ tat-tielet kundanna, minn grad sa tliet gradi. Jekk tiżdied tal-inqas bi grad, allura l-piena titla' minn sentejn sa sitt snin jew minn tliet snin sa disa' snin. Jekk wieħed għalhekk iqis żieda bi grad wieħed in kwantu l-kontinwita` tar-reat, u żieda bi grad wieħed in kwantu l-addebitu tar-reċidiva, il-minimu għar-reati ta' serq huwa ta' sentejn priġunerija sa massimu ta' sitt snin.

13. Mill-banda l-oħra, f'dan il-każ, jekk jittieħdu l-pieni tat-tliet reati ta' serq separatament, wieħed irid japplika l-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali, li jkun ifisser illi mal-piena ta' priġunerija ta' tlettax-il xahar u għoxrin jum sa erba' snin (applikabbli għat-tielet imputazzjoni, u anke għar-raba' imputazzjoni), tiżdied il-piena għar-raba' imputazzjoni, fil-minimu b'erba' xhur u sbatax-il jum u b'hekk għal tmintax-il xahar u sebat ijiem, u fil-massimu għal sitt snin priġunerija. Meta mbagħad tiżdied il-piena għall-ewwel imputazzjoni, ossia dik għar-reat ta' serq aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 278(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-piena minn ħames xhur sa tliet snin ma tingħatax fil-minimu tagħha, biex b'hekk titla' għal minimu ta' għaxar xhur u għaxart ijiem priġunerija[5] sa massimu ta' tliet snin. Applikat l-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali, dan jagħti minimu ta' tliet xhur u tlettax-il jum priġunerija u massimu ta' tmintax-il xahar priġunerija. Li jfisser għalhekk illi l-piena għar-reati ta' serq flimkien, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) hija fil-minimu ta' wieħed u għoxrin xahar u għoxrin jum priġunerija sa massimu ta' seba' snin u nofs priġunerija. Miżjud l-addebitu tar-reċidiva fit-termini tal-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali bi grad wieħed, dan jiżdied għal sentejn sa disa' snin priġunerija.

[4] *"Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi.*"

[5] 36 xahar – 5 xhur = 31 xahar/3 = 10.33 xhur.

14. Magħdud ma' dan, din il-Qorti qed tqis illi l-ħsara volontarja mertu tat-tieni imputazzjoni, serviet bħala mezz ai fini mhux biss għas-serq mertu tat-tielet imputazzjoni, kif iddikjarat l-ewwel Qorti, iżda wkoll għas-serq mertu tal-ewwel imputazzjoni, u dan kif jirriżulta ċar mir-rapport tal-Pulizija esebit in atti, skont liema l-appellant ikkommetta l-ħsara u s-serq fil-vettura in kwistjoni, mertu tal-ewwel imputazzjoni, nhar l-10 ta' Lulju 2022, biex imbagħad reġa' seraq l-istess vettura billi nhar il-11 ta' Lulju 2022, reġa' daħal mill-istess tieqa li kien sforza u fetaħ fl-ewwel okkażjoni. Dan huwa s-serq mertu tat-tielet imputazzjoni. Għalhekk għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tar-reat mertu tat-tieni imputazzjoni. Issa jekk wieħed iqis il-piena għall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali, din teċċedi l-piena massima ta' erba' snin priġunerija kkontemplata fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali Għalhekk fit-termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, għandha tapplika l-piena għar-reati ta' serq.

15. Illi meqjus għalhekk illi l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant għall-piena ta' tliet snin priġunerija, fiż-żewġ ipotesi indikati minn din il-Qorti iżjed 'il fuq, il-piena erogata tqarreb iżjed lejn il-minimu ta' sentejn priġunerija milli lejn il-massimu. Hawnhekk il-Qorti tosserva wkoll illi minkejja li ż-żieda fil-piena abbażi tar-reċidiva hija diskrezzjonali u mhux mandatorja, fid-dawl tal-fedina penali refrattarja tal-appellant, li din il-Qorti se tirreferi għaliha iżjed 'il quddiem, iż-żieda fil-piena minħabba dan l-addebitu hija ġustifikata.

16. Jirriżulta mis-sentenza appellata illi l-ewwel Qorti qieset kemm l-ammissjoni tal-appellant fl-iżjed stadju bikri tal-proċeduri, kif ukoll il-fatt illi huwa maħkum bil-vizzju tad-droga. Din tal-aħħar ċertament m'hijiex xi ċirkostanza li għandha twassal awtomatikament għall-mitigazzjoni fil-piena, kif donnu jippretendi l-appellant u dan b'mod partikolari meta wieħed iqis il-fedina penali tiegħu u ċ-ċirkostanzi tal-istess appellant. Fil-fatt mill-fedina penali aġġornata jirriżulta illi r-reati minnu kommessi matul iż-żmien imorru lura għas-sena 2001 u li minn dakinhar huwa nstab ħati ta' pussess aggravat tad-droga eroina, tar-reati kkontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali, ta' reati kontravvenzjonali, talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation* (fi tliet okkażjonijiet) u waqt il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata, ta'

riċettazzjoni u tar-reat fl-Artikolu 334A tal-Kodiċi Kriminali, ta' tentattiv ta' serq fi tliet okkażjonijiet, darbtejn minnhom minn vetturi u darba minn dawn bejn id-data tar-reati mertu tal-ewwel tliet imputazzjonijiet u d-data tar-reat fir-raba' imputazzjoni, serq sempliċi f'żewġ okkażjonijiet, serq aggravat minn vetturi f'ben għaxar okkażjonijiet (tnejn minn dawn bejn id-data tar-reati mertu tal-ewwel tliet imputazzjonijiet u d-data tar-reat mertu tar-raba' imputazzjoni u tnejn oħra jumejn wara r-reat mertu tar-raba' imputazzjoni) u ħsara volontarja f'iżjed minn okkażjoni waħda. Fir-rigward, l-appellant tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* tliet darbiet oltre illi ngħata Ordni ta' Trattament tliet darbiet ukoll, ingħata liberazzjoni kundizzjonata darbtejn u piena ta' priġunerija effettiva sitt darbiet, bl-aħħar waħda tingħata fl-24 ta' Ottubru 2022. Jirriżulta għalhekk illi l-appellant ingħata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruħu, anke billi jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, iżda xorta waħda baqa' għaddej bla waqfien fit-triq illi qabad, u dan b'mod partikolari mis-sena 2015 'il quddiem.

17. Illi iżjed minn hekk, ma ġie muri bl-ebda mod mill-appellant illi minn dakinhar li huwa kkommetta r-reati odjerni, jew tal-inqas mid-data tas-sentenza appellata, huwa għamel xi sforz sabiex jirriforma ruħu jew irreġistra xi progress f'dan ir-rigward.

18. Illi għall-kuntrarju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-25 ta' April 2006, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Farrugia**, ċitata mill-appellant fir-rikors tiegħu in sostenn tal-aggravju minnu mressaq, il-Qorti qieset *inter alia* illi l-appellant f'dak il-każ baqa' juri progress u stabbilta` f'ħajtu, kif ukoll illi l-Prosekuzzjoni stess kienet iddikjarat illi kienet qegħda taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-*Probation* illi l-appellant jingħata Ordni ta' Servizz fil-Komunita` ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Anke fil-każ **Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly u Justin Farrugia**, deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Ottubru 2008, ċitat mill-appellant, il-Qorti kkunsidrat illi l-appellat Hatherly, li dak iż-żmien kellu l-vizzju tad-droga, kien qed isegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-istess vizzju u illi kien sejjer tajjeb fl-istess programm, biex b'hekk il-Qorti għaddiet sabiex tikkonferma l-Ordni ta' *Probation* li kienet għamlet l-ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. Għall-kuntrarju, in kwantu l-appellat Farrugia, il-Qorti qieset illi ma kienx hemm lok ta' *non-custodial measure* fid-dawl tal-fatt illi ma weriex interess fis-servizzi tal-

Aġenzija Caritas u baqa' jsostni li ma kellux bżonn programm, minkejja li kellu problema tad-droga u għaldaqstant, għaddiet sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu qegħdet lil Farrugia taħt Ordni ta' *Probation* u kkundannatu minflok għal terminu ta' priġunerija effettiva. Bl-istess mod, fil-każ **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina** deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-7 ta' Novembru 2008, ukoll ċitat mill-appellant, il-Qorti kkunsidrat qabel xejn illi mid-data tar-reati minnu kommessi, l-imputat kien ittermina b'suċċess programm residenzjali, kellu xogħol stabbli, u ħajja familjari wkoll pjuttost stabbli u kien għalhekk, fost kunsiderazzjonijiet oħra, illi għaddiet sabiex tagħmel Ordni ta' *Probation* fil-konfront tiegħu.

19. Illi għalhekk, tenut kont illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-piena applikabbli f'dan il-każ, tenut kont in oltre illi tali piena iżjed tqarreb lejn il-minimu, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tagħha iżjed 'il fuq, din il-Qorti ma tqisx illi hemm lok għal temperament fil-piena. Dan oltre illi l-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll il-vizzju li bih huwa afflitt l-appellant, u poġġietu taħt Ordni ta' Trattament bil-għan illi jingħata *inter alia* l-għajnuna kollha neċessarja kontra l-vizzju. L-aggravju tal-appellant qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

**Deċide**

Għaldaqstant taqta' u tiddeciedi billi tiċħad l-appell tal-appellanti **Kaled Mukthar Ben Gamhur** u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**